

32000D0751

L 303/29

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

2.12.2000

ID-DEĊIJONI TAL-KUNSILL**tat-30 ta' Novembru 2000**

dwar id-deklassifikazzjoni ta' ċerti partijiet tal-Manwal Komuni adottat mill-Kumitat Eżekuttiv stabbilit
mill-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985

(2000/751/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 207 tiegħu,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjonijiet tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 1993 (SCH/Com-ex (93) 22 rev) u t-23 ta' Ġunju 1998 (SCH/Com-ex (98) 17), il-Kumitat Eżekuttiv stabbilit bil-Konvenzjoni li jimplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985, li nbidlet bil-Kunsill skond l-Artikolu 2 tal-Protokoll ta' Schengen, ikklassifikat bħala "Kunfidenzjal" id-dispoSizzjonijiet kollha tal-Manwal Komuni, li l-aħħar verżjonijiet tiegħu ġew adottati bid-Deċiżjoni ta' l-imsemmi Kumitat Eżekuttiv fit-28 ta' April 1999 (SCH/Com-ex (99) 13).
- (2) Il-Manwal Komuni u d-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv dwar il-klassifikazzjoni tagħha jifformaw parti mill-acquis ta' Schengen kif definit mill-Kunsill u d-Deċiżjoni tiegħu 1999/435/KE (¹).
- (3) Ċerti partijiet tal-Manwal Komuni għandhom jiġu deklassifikati, u li jinklu d-disposizzjoni tiegħi li jikkorrespondu mad-disposizzjoni tiegħi ta' l-Istruzzjoni Konsulari Komuni li m'humiex ikklassifikati,

IDDEĊIEDA KIF ĠE:

Artikolu 1

Parti I u l-Annessi 1, 2, 3, 4, 5, 5a, 6, 6a, 7, 8, 8a, 9, 10, 11, 12, 13, 14 u 14a tal-Manwal Komuni għandhom jiġu deklassifikati.

Artikolu 2

Il-partijiet deklassifikati tal-Manwal Komuni għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dak in-nhar li tiġi ppubblikata.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Novembru 2000.

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. LEBRANCHU

(¹) ĠU L 176, ta' l-10.7.1999, pg. 1.